

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tad-19 ta' Settembru 2013 — Dashiqiao Sanqiang Refractory Materials Co. Ltd vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-15/12 P) ⁽¹⁾

(Appell — Dumping — Regolament (KE) Nru 826/2009 — Importazzjoni ta' ċerti briks tal-manjeżja li joriġinaw miċ-Ċina — Regolament (KE) Nru 384/96 — Artikolu 2(10)(b) — Paragun ġust — Artikolu 11(9) — Eżami mill-ġdid interim parzjali — Obbligu li jiġi applikat l-istess metodu bħal fl-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tad-dazju — Bdil fiċ-ċirkustanzi)

(2013/C 336/11)

Lingwa tal-proċedura: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Dashiqiao Sanqiang Refractory Materials Co. Ltd (rappreżentanti: J.-F. Bellis u R. Luff, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix, aġent, assistit minn G. Berrisch, avukat, u N. Chesaites, Barrister), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Gippini Fournier u H. van Vliet, aġenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla), tas-16 ta' Diċembru 2011, Dashiqiao Sanqiang Refractory Materials vs Il-Kunsill (T-423/09), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ħadet it-talba għall-annullament tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 826/2009, tas-7 ta' Settembru 2009, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1659/2005 li jimponi dazju antidumping definitiv fuq l-importazzjoni ta' ċerti briks tal-manjeżja li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 240, p. 7) — Paragun bejn il-valur normali u l-prezz għall-esportazzjoni — Teħid inkunsiderazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud tal-pajjiż ta' oriġini — Applikazzjoni ta' metodu differenti minn dak użat waqt l-investigazzjoni inizjali — Żbalji ta' liġi

Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Dashiqiao Sanqiang Refractory Materials Co. Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż marbuta ma' din il-proċedura.

(3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 89, 24.3.2012.

Appell ippreżentat fis-7 ta' Frar 2013 minn H-Holding AG mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fis-27 ta' Novembru 2012 fil-Kawża T-672/11, H-Holding AG vs Il-Parlament Ewropew

(Kawża C-64/13 P)

(2013/C 336/12)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: H-Holding AG (rappreżentant: R. Závodný, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew

Permezz ta' digriet tal-5 ta' Settembru 2013, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Is-Seba' Awla) ħadet l-appell u ddeċidiet li l-appellanti għandha tbatlha l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Szombathelyi Törvénszék (l-Ungerija) fl-24 ta' Ġunju 2013 — Sebestyén vs Kóvári et

(Kawża C-342/13)

(2013/C 336/13)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Szombathelyi Törvénszék